## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR IAN VELLA) V. AHMED TAREK MIGIREF FTIS (REF COM 16462/13)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Diċembru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Ahmed Tarek Migiref Ftis, ta' tmienja u erbgħin (48) sena, iben Mohammed Tarek Migrief u Fatima Mahmudi, imwieled il-Libja, fit-8 ta' Ġunju 1976, bla residenza, detentur ta' *refugee document* bin-numru 16462/13 (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 16 ta' Diċembru 2024 mixli illi fit-12 ta' Diċembru 2024 ġewwa "Horace", Triq Diċembru Tlettax, Marsa u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

> **"1. Ikkometta serq sempliċi ta' ħwejjeġ u/jew oġġetti oħra, liema serq ma jeċċedix t-tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29),u dan għad-detriment ta' Pauline Gafa' u/jew persuni oħra, bi ksur tal-artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**
>
> **2. U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ u dan bi ksur tal-artiklu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**
>
> **3. U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrendat ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.'**

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, toħroġ ordni ta' trattament li tkun teħtieġ li l-persuna akkużata taċċetta li jsiriha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tal-lum 16 ta' Diċembru 2024, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Artikoli 49, 50, 284, 285, 289, 338(w) u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tapplika żieda ta' żewġ gradi fil-piena minħabba r-reċidivita' tiegħu u tikkundannah piena karċerarja effettiva ta' sebgħa (7) xhur.**

**Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal tlett snin u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga. L-ordni hija suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet elenkati fiha. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni u l-konsegwenzi legali jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet relattivi.**

**Inoltre il-Qorti qegħda toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 billi tordna lill-ħati jħallas lill-*parti offiża* Pauline Gafa' l-ammont ta' ħames euro entro sitt xhur mil-lum bħala kumpens għat-telf li sofriet.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |